

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tad-19 ta' Marzu 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Kúria – l-Ungerija) – E.ON Földgáz Trade Zrt vs Magyar Energetikai és Közmű-szabályozási Hivatal

(Kawża C-510/13) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Suq intern tal-gass naturali — Direttiva 2003/55/KE — Artikolu 25 — Direttiva 2009/73/KE — Artikoli 41 u 54 — Applikazzjoni ratione temporis — Regolament (KE) Nru 1775/2005 — Artikolu 5 — Mekkaniżmi ta' allokkazzjoni tal-kapaċitajiet u proċeduri ta' immaniġġar tal-konġestjoni — Deċiżjoni ta' awtorità regolatorja — Dritt għal azzjoni legali — Rikors ta' kumpannija detentriċi ta' awtorizzazzjoni ta' trażmissjoni tal-gass naturali — Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 47 — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva kontra deċiżjoni ta' awtorità regolatorja)

(2015/C 155/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Kúria

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: E.ON Földgáz Trade Zrt

Konvenuta: Magyar Energetikai és Közmű-szabályozási Hivatal

Dispożittiv

- 1) *Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE li t-terminu ta' traspożizzjoni tagħha jiskadi fit-3 ta' Marzu 2011, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet il-ġodda introdotti fl-Artikolu 41(17) tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tapplikax għal rikors dirett kontra deċiżjoni ta' awtorità regolatorja, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, adottata qabel l-iskadenza ta' dan it-terminu ta' traspożizzjoni u li kienet dejjem matul l-imsemmija data.*
- 2) *L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1775/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Settembru 2005, dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trasmissjoni tal-gass naturali, moqri flimkien mal-Anness ta' dan ir-regolament, u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrigwarda l-eżerċizzju tar-rikorsi quddiem il-qorti kompetenti biex tikkontrolla l-legalità tal-atti ta' awtorità regolatorja, li, fiċ-ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma tippermettix li tiegħu rikonzjizzjoni ta' operatur, bħal E.ON Földgáz Trade Zrt, il-kwalità biex jippreżenta rikors kontra deċiżjoni ta' din l-awtorità relatata mal-kodiċi tas-sistema ta' gass.*

⁽¹⁾ ĠU C 15, 18.01.2014.